MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 21/2006

**Margot Errebsy**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Lulju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“L-Arbitru,

Ra d-decizjoni appellata.

Ra l-ittra ta’ l-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur.

Sema' t-trattazzjoni ta’ l-appell.

Ikkunsidra:

Illi dan l-appell jirrigwarda talba ghar-rifuzjoni tas-somma ta' Lm580.96 liema ammont gie mhallas mid-dipartiment bhala Ghajnuna Socjali fil-perijodu bejn is-26 ta' Frar 2005 u s-17 ta' Gunju 2005 u dan peress li l-sites Dipartment irritjena li l-appellanti ma kientix il-kap tal-familja u/jew li ma kienitx qed tifforma familja ghal rasha.

Fil-mori ta’ l-appell l-ammont mitlub mid-Dipartiment gie ridott ghal Lm435.72 u dan wara li d-Diaprtiment ha in konsiderazzjoni li r-ragel ta’ l-appellanti kien telaq minn Malta fl-14 ta' Mejju 2005. Il-hlas zejjed ghalhekk issa jirrigwarda l-perijodu bejn is-26 ta' Frar 2005 sa l-14 ta' Mejju 2005. F’ dan il-perijodu l-appellanti kienet de facto separata minn ma’ zewgha ghalkemm huma kienu jghixu fl-istess indirizz. Zewgha ma kienx qed jircievi l-ebda assistenza socjali f’ dan il-perijodu u l-anqas ma kien qed jahdem. Fis-7 ta' Marzu 2005 Abderrahim Errebsy informa lil martu li huwa kien qed jahdem fuq bazi part time ghal ftit sighat fil-gimgha izda huwa ma indikax dettalji dwar l-impjieg tieghu jew dwar l-introjtu li kellu minn tali impjieg fuq bazi part time. L-appellanti nfurmat lid-Dipartiment mal-ewwel b'dan.

Hija izda sostniet li zewgha qatt ma ghaddielha ebda forma ta' manteniment tul il-perijodu li huwa allegatament kien qed jahdem.

L-Arbitru hija tal-fehma li in vista tal-fatt li ma ngabux provi sodisfacenti li Abderrahim Errebsy effettivament kien qed jahdem jew imantni lil martu tul il-perijodu in kwsjtoni u in vista tal-fatt li huwa ma kien qed jircievi ebda Ghajnuna Socjali, l-appellanti ghandha titqies li kienet il-kap tal-familja bejn is-26 ta' Frar 2005 sa l-14 ta' Mejju 2005 u li ghalhekk hija kienet intitolata tircievi l-beneficcju li effettivament thallas lilha mid-

> Dipartiment. Konsegwentement ghandu jitqies li ma sar ebda hlas zejjed lill-appellanti.
>
> Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u d-decizjoni appellata revokata."

Fl-impunjattiva tieghu ta' din is-sentenza d-Direttur tas-Sigurta` Socjali jikkontesta lill-Arbitru l-motivazzjoni taghha li biha sostniet illi ma ngabux minnu provi sodisfacenti ghas-sostenn tal-kontenzjoni tieghu illi l-appellata kienet obbligata tirrifondi l-beneficcju minnha ricevut ghall-perijodu mis-26 ta' Frar 2005 sa l-14 ta' Mejju 2005;

Hi regola ben assodata illi l-gudizzju fil-mertu minn qorti jew tribunal ta' l-ewwel grad, jew l-Arbitru f' dan il-kaz, ma jigix disturbat minn Qorti tat-tieni stanza jekk mhux ghal motivi gravi. Dak li fil-fehma ta' din il-Qorti certament hu l-kaz hawnhekk;

L-appellanti gustament jirrileva illi fuq il-bazi tal-kumpless tar-rizultanzi probatorji l-motivazzjoni ta' l-Arbitru fis-sentenza appellata ma tistax, la titqies logika u lanqas koerenti ma' l-elementi tal-provi kif dawn johorgu mid-dokumenti esebiti. Biex isahhah din ir-rilevanza tieghu huwa jirrikorri principalment ghal prova li kien jaghmel id-dokument ta' l-ETC fejn minnu jirrizulta illi zewg l-appellata kellu mpjieg mad-ditta KCA Plastics Ltd effettiv mis-7 ta' Marzu 2005, kif ukoll ghal prova li kienet taghmel id-dikjarazzjoni ta' l-istess appellata (ara Minuta 60 datata 14 ta' Marzu 2005 tal-*file* dipartimentali) li zewgha kien qed jghaddilha ghaxar liri (Lm10) fil-gimgha bhala manteniment;

Issa huwa veru li fin-Nota ta' sottomissjonijiet taghha quddiem l-Arbitru l-appellata tghid li zewgha qatt ma vversalha manteniment fil-perijodu in kwestjoni u huwa veru wkoll li hi tissottometti li hi u zewgha kienu separati

*de facto*. Dan pero` ma jinnewtralizzax dik id-dikjarazzjoni inizzjali taghha li zewgha kien qed jivversalha manteniment. Ugwalment, il-fatt tas-separazzjoni *de facto*, ghallanqas fil-kors tal-perijodu li tieghu l-appellata qed tintalab ir-rifuzjoni, ma jhassarx il-fatt li dan zewgha baqa' jirrisjedi ma' l-appellata taht l-istess saqaf. Del resto, ukoll, lanqas hu maghruf jekk dik is-separazzjoni *de facto* gietx tradotta f' wahda *de jure* avolja kienet l-istess Arbitru li dehrilha opportun li tistenna sakemm tigi finalizzata s-separazzjoni u jigi prezentat kopja tal-kuntratt relattiv. Ara verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2006;

Kif inhu maghruf, skond il-duttrina procedurali il-principju kardinali hu dak li l-gudikant jiddeciedi *iuxta alligata et probata*. Principju dan li jimporta li d-decizjoni tieghu trid tittiehed minn dawk ic-cirkustanzi ta' fatt u tal-provi in atti. Minn dak fuq osservat huwa evidenti bosta illi ghalkemm l-Arbitru kellha quddiemha l-provi dwar l-allegazzjoni ta' fatt, il-gudizzju taghha dwarhom kien wiehed inkomplet u, addirittura errat. Il-valutazzjoni taghha bin-nieqes tal-provi jgib li hi approdat ghal decizjoni li ma tistax titqies adegwata u gusta fic-cirkustanzi u jisthoqqilha tigi kassata. Dan ghaliex il-kontenut tad-decizjoni taghha hu indikattiv li din inghatat mhux fuq il-bazi tal-provi kollha attendibbli u ghalhekk ma tirriflettix ir-realta processwali. Jikkonsegwi illi l-motivazzjoni taghha illi l-appellata ghandha titqies "kap tal-familja" fit-termini tad-definizzjoni tal-ligi (Kapitolu 318), ma hijiex kongruwa;

Mhux il-kaz li din il-Qorti taggungi oltre, hlief, forsi biex tirrepeti l-osservazzjoni illi l-aggravju tad-Direttur appellant, li bih iddenunzja l-ezistenza tal-vizzju tal-motivazjzoni fis-sentenza, hu sew fondat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tilqa' l-istess u b' hekk thassar u tirrevoka d-decizjoni ta' l-Arbitru. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------